MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Mandat Numru. 102/2007/1

**Fiorella Farrugia**

**vs**

**Jason Sam Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Ikkunsidrat li l-genituri tal-minuri jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta` separazzjoni. Il-missier twieled l-Awstralja fejn, skond ma tghid ir-rikorrenti omm il-minuri, passaport ghal minuri jista` jinhareg fuq talba ta` genitur wiehed biss. Issa l-missier gie li hadem barra minn Malta u, skond ma tghid ir-rikorrenti, gie li wera x-xewqa li jghix barra minn

Malta. Ghalkemm l-istess missier jikkontendi li ma ghandu ebda hsieb isiefer, il-possibilita` tezisti.

Ghaldaqstant, il-Qorti tipprovdi billi tilqa` definittivament it-talba kif dedotta fir-rikors.

L-ispejjez ta` din il-procedura jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------